

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0053

Investiment fl-impjiegi u fit-*tkabbir* – il-massimizzazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar l-investiment f'impjiegi u *tkabbir* – nimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej: evalwazzjoni tar-rapport skont l-Artikolu 16(3) tas-CPR (2016/2148(INI))**

(2018/C 252/27)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (minn hawn 'il quddiem 'ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni')⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-*tkabbir* ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1302/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1082/2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) fir-rigward tal-kjarifika, is-simplifikazzjoni u t-titjib għat-twaqqif u l-funzjonament ta' tali raggruppamenti⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁷⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.⁽²⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289.⁽³⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470.⁽⁴⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487.⁽⁵⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259.⁽⁶⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 303.⁽⁷⁾ ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investment u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 – il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu “Ninvestu fimpjegi u tkabbir – nimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej” (COM(2015)0639),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2016 dwar sinerġiji għall-innovazzjoni: il-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej, Orizzont 2020 u fondi ta' innovazzjoni Ewropej u programmi tal-UE oħra ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2015 dwar “Lejn simplifikazzjoni u orjentament tal-prestazzjoni fil-politika ta' koeżjoni 2014-2020” ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2016 bit-titolu “Ninvestu fimpjegi u tkabbir — nimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej”,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Mejju 2016 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni “Ninvestu fimpjegi u tkabbir – nimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej” ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-9 ta' Lulju 2015 bit-titolu “Ir-riżultat tan-negozjati dwar il-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operattivi” ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra s-Sitt Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali (COM(2014)0473),
- wara li kkunsidra l-analiżi tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu (Dipartiment Tematiku B: Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni) ta' Ġunju 2016 bit-titolu “Maximisation of synergies between European Structural and Investment Funds and other EU instruments to attain the Europe 2020 goals” (“Massimizzazzjoni tas-sinerġiji bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej u strumenti oħra tal-UE biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' Ewropa 2020”),
- wara li kkunsidra l-istudju tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu (Dipartiment Tematiku B: Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni) ta' Settembru 2016 bit-titolu “Evaluation of the Report under Article 16(3) of the CPR” (“Evalwazzjoni tar-rapport skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni”),
- wara li kkunsidra l-analiżi tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu (Dipartiment Tematiku B: Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni) ta' Settembru 2016 bit-titolu “Strumenti finanzjarji fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-20: l-ewwel esperjenzi tal-Istati Membri”,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A8-0385/2016),

A. billi l-politika ta' koeżjoni tirrappreżenta parti sinifikanti tal-baġit tal-UE, fejn tammonta għal madwar terz tal-infiq kollu;

⁽¹⁾ ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1.

⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2016)0217.

⁽³⁾ Testi adottati, P8_TA(2016)0311.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0419.

⁽⁵⁾ ĠU C 303, 19.8.2016, p. 94.

⁽⁶⁾ ĠU C 313, 22.9.2015, p. 31.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

- B. billi, b'baġit ta' EUR 454 biljun għall-perjodu 2014-2020, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) huma l-għodda ta' politika ta' investiment ewlenija tal-UE u huma għajn vitali ta' investiment pubbliku f'bosta Stati Membri, li jwasslu biex jiġu pprovduti aktar impjegi, tkabbir u investiment fl-UE kollha, kif ukoll biex jitnaqqsu d-disparitajiet fil-livell reġjonali u lokali sabiex tiġi promossa l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;
- C. billi l-Ftehimiet ta' Sħubija (FS) jiffurmaw il-bażi tar-rapport dwar l-Artikolu 16(3) ippreżentat mill-Kummissjoni;
- D. billi n-negożjati għall-FS u għall-programmi operattivi (PO) għall-perjodu 2014-2020 kienu eżerċizzju modernizzat, aġġustat b'mod qawwi u kien wieħed intensiv b'qafas ġdid għall-prestazzjoni, għall-kondizzjonalitajiet ex ante u għall-konċentrazzjoni tematika, iżda wasslu wkoll għal dewmien serju biex attwalment ingħata bidu għall-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, ukoll minħabba nuqqasijiet fil-kapaċità amministrattiva ta' għadd ta' reġjuni u Stati Membri, fejn is-sitwazzjoni kompli jitnaqqsilha r-ritmu bil-proċedura għan-nomina tal-awtoritajiet ta' ġestjoni;
- E. billi ma hemm l-ebda dubju li minħabba l-adozzjoni tard tal-qafas regolatorju fi tmiem l-2013 b'konsegwenza tan-negożjati twal u d-dewmien sakemm intlaħaq il-ftehim dwar il-QFP, il-programmi operattivi ma setgħux jiġu adottati fil-ħin; billi konsegwentement l-implimentazzjoni tal-programmi operattivi kellha bidu kajman, u b'hekk kien hemm impatt fuq l-adozzjoni tal-politika fil-prattika;
- F. billi ġew stabbiliti dispożizzjonijiet komuni għall-ħames fondi SIE kollha, biex b'hekk issaħħu r-relazzjonijiet ta' bejniethom;
- G. billi l-politika ta' koeżjoni fil-perjodu attwali qed tħabbat wiċċha ma' bosta sfidi politiċi u ekonomiċi, li jirriżultaw kemm mill-kriżi finanzjarja – li wasslet għal tnaqqis fl-investiment pubbliku f'ħafna Stati Membri, u ħalliet lill-Fondi SIE u l-kofinanzjament mill-Istati Membri bħala l-istrument prinċipali għall-investiment pubbliku f'ħafna Stati Membri – u kemm mill-kriżi tal-migrazzjoni;
- H. billi fil-perjodu ta' programmazzjoni tal-2014-2020 il-politika ta' koeżjoni kisbet approċċ ta' politika aktar iffukat, permezz ta' konċentrazzjoni tematika u permezz tal-appoġġ għall-prijoritajiet u l-oġettivi tal-Unjoni;
- I. billi l-Fondi SIE fil-perjodu ta' finanzjament attwali huma orjentati lejn ir-riżultati b'mod aktar qawwi u huma mibnija fuq ambjent ta' investiment li jippermetti effikaċja akbar;
- J. billi jrid ikun hemm allinjament aktar b'saħħtu tal-investiment taħt il-politika ta' koeżjoni mal-prijoritajiet tal-istrategġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u mas-Semestru Ewropew;
- K. billi t-Task Force għal Implimentazzjoni Aħjar għenet biex ittaffi l-konġestjonijiet u x-xogħol b'lura fl-allokazzjoni tal-fondi;

Il-qsim tar-riżultati, il-komunikazzjoni u l-viżibilità

1. Jinnota li l-Ewropa għaddeja minn fażi diffiċli mil-lat ekonomiku, dak soċjali u dak politiku, b'tali mod li hemm il-ħtieġa aktar minn qatt qabel ta' politika ta' investiment effettiva li tkun orjentata lejn it-tkabbir ekonomiku u l-impjegi, tkun qrib iċ-ċittadini u aktar adattata għal vokazzjonijiet territorjali speċifiċi, u għandha tfittex li tindirizza b'mod determinat kemm il-qgħad u kemm l-inugwaljanzi soċjali fi ħdan l-Unjoni, u b'hekk toħloq valur miżjud Ewropew; jemma li sabiex terġa' tikseb il-fiduċja taċ-ċittadini tagħha l-UE għandha tagħti bidu għal proċessi ta' aġġustament biex tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9 tat-TFUE;
2. Jinnota li l-politika ta' koeżjoni tul il-perjodu tal-2014-2020 ġiet elaborata kompletament mill-ġdid, peress li kienet teħtieġ bidla fil-mentalità u fil-metodi ta' ħidma fil-livelli kollha ta' governanza, inkluża l-koordinazzjoni orizzontali u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati kif ukoll, sa fejn hu possibbli, tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD); jirrimarka li r-riformi ta' dan l-aħħar li jħarsu 'l quddiem u li huma eżemplari spiss jiġu injorati, iżda li l-politika ta' koeżjoni spiss għadha titqies bħala politika tradizzjonali ta' nfiq aktar milli bħala politika ta' żvilupp u ta' investiment li toffri riżultati tanġibbli;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

3. Iqis li l-komunikazzjoni ewlenija dwar il-proġetti ta' politika tal-koeżjoni għandha tiffoka fuq il-valur miżjud Ewropew, is-solidarjetà u l-viżibilità tal-istess ta' suċċess, filwaqt li jissottolinja l-importanza tal-iskambju tal-aħjar prattiki kif ukoll li wieħed jitgħallem mill-proġetti li ma jirnexxilhomx jilhqgħu l-oġettivi tagħhom; jinsisti li l-komunikazzjoni dwar is-suġġett tal-fondi SIE għandha tiġi modernizzata u intensifikata; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu identifikati u implimentati għodod ġodda għall-komunikazzjoni tar-riżultati tal-politika ta' koeżjoni; iqis li hemm il-ħtieġa li jsir investiment fl-intelligence reġjonali u fil-ġbir ta' data, bħala parti minn sforz kontinwu biex jinħolqu u jiġu aġġornati l-bażijiet ta' data, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet, l-ispeċifità u l-prijoritajiet lokali u reġjonali, bħal fil-każ tal-pjattaforma S3 li diġà teżisti, li jkun jippermetti lill-pubbliku interessat li effettivament jivverifika l-valur miżjud Ewropew tal-proġetti;

4. Jirriveva l-fatt li sabiex jittejjbu l-komunikazzjoni dwar il-Fondi SIE u l-viżibilità tagħhom, għandu jitqiegħed fokus akbar fuq il-parteċipazzjoni mill-partijiet ikkonċernati u l-benefiċjarji, u fuq l-involviment taċ-ċittadini fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni b'mod li jkun sinifikattiv; barra minn hekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-ibliet jikkomunikaw aktar kemm dwar il-kisbiet tal-politika ta' koeżjoni u kemm dwar it-tagħlimiet li għandhom jittieħdu, u jipproduċu pjan ta' azzjoni kkoordinat u mmirat;

Konċentrazzjoni tematika

5. Jilqa' l-konċentrazzjoni tematika, peress li ħarġet għodda utli għall-ħolqien ta' politika ffukata u effettività akbar għall-prijoritajiet tal-UE u għall-istrateġija Ewropa 2020, billi ssaħħaħ il-proċess li fih l-għarfien jinqaleb f'innovazzjoni, impjegi u tkabbir; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jieħdu deċiżjonijiet ċari dwar il-prijoritajiet ta' investiment u biex jagħżlu l-proġetti abbażi tal-prijoritajiet stabbiliti għall-Fondi SIE, kif ukoll biex jużaw proċessi ta' implimentazzjoni simplifikati u effiċjenti;

6. Jinnota li analiżi tal-konċentrazzjoni tematika għandha tindika kif l-għażliet strateġiċi tal-Istati Membri u l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-oġettivi tematiċi (OT) kollha jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tat-territorji; jiddispijaci li dan l-aspett huwa inqas evidenti fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 16;

7. Iqis li r-riżultati u l-benefiċċji tal-politika ta' koeżjoni għandhom bżonn jiġu trażmessi b'mod aktar effettiv, mhux l-inqas sabiex terġa' tinkiseb il-fiducia fil-proġett Ewropew;

8. Jinsisti li jenħtieġ li l-politika ta' koeżjoni jkompli jkollha fokus tematiku, filwaqt li jitħalla li jkun hemm grad ta' flessibilità li jkun biżżejjed sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull reġjun, b'mod speċjali l-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni li huma anqas żviluppati, kif stabbilit fir-regolamenti; jitlob li jkompli jsir investiment tal-Fondi SIE fir-reġjuni li għaddejjin minn tranżizzjoni sabiex jiġi priservat dak li nkiseb permezz tar-riżorsi u l-isforzi diġà implimentati;

9. Jenfasizza, b'mod partikolari, li jenħtieġ li tingħata konsiderazzjoni liċ-ċirkostanzi tar-reġjuni urbani jew rurali, l-hekk imsejħa "reġjuni li għadhom lura", ir-reġjuni li jinsabu fi tranżizzjoni u r-reġjuni bi żvantaġġi naturali jew ġeografiċi permanenti, u jenħtieġ li jiġu mfassla politiki ta' appoġġ xierqa għall-iżvilupp ta' dawn iż-żoni, li mingħajr il-politika ta' koeżjoni jista' jkun li ma kinux ikunu jistgħu jlaħħqu ma' reġjuni aktar żviluppati; jistieden lill-Kummissjoni tkompli ssegwi u tespandi strateġiji biex timplimenta l-aġenda urbana, flimkien mal-awtoritajiet lokali u r-reġjuni metropolitani konċepiti bħala ċentri ta' tkabbir tal-UE; ifakkar f'dan il-kuntest li huwa importanti li titħalla biżżejjed flessibilità biex l-Istati Membri u r-reġjuni jappoġġjaw l-isfidi ta' politika ġodda, bħalma huma dawk relatati mal-immigrazzjoni (filwaqt li wieħed jiftakar fl-għanijiet oriġinali u li għadhom rilevanti tal-politika ta' koeżjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni), kif ukoll id-dimensjoni diġitali fis-sens wiesa' tagħha tal-politika ta' koeżjoni (inklużi l-kwistjonijiet tal-ICT u tal-aċċess għall-broadband, li huma marbuta mal-ikkompletar tas-Suq Uniku Diġitali); jiġbed l-attenzjoni lejn l-istrateġija għal Unjoni tal-Enerġija, l-istrateġija għal Ekonomija Ċirkolari, u l-impenji tal-UE taħt il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima, billi l-Fondi SIE għandhom rwol importanti x'jaqdu biex dawn jitwettqu;

10. Iqis li għandha tingħata aktar attenzjoni liż-żoni subreġjonali li għandhom akkumulazzjoni konsiderevoli ta' sfidi, li spiss jinstabu f'żoni ta' faqqar, f'komunitajiet segregati u fi kwartieri li jgħixu fil-għaks fejn hemm sovrarappreżentanza ta' gruppi emarġinati bħalma huma r-Rom;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

11. Jappoġġa l-bidla gradwali ta' konċentrazzjoni minn waħda bbażata fuq proġetti maġġuri relatati mal-infrastruttura lejn waħda bbażata fuq l-istimulazzjoni tal-ekonomija tal-għarfien, l-innovazzjoni u l-inklużjoni soċjali, kif ukoll fuq il-bini tal-kapaċità u l-awtonomizzazzjoni tal-atturi, inklużi mis-soċjetà ċivili, fil-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni anqas żviluppatti li għad għandhom bżonn l-appoġġ fil-qasam tal-iżvilupp infrastrutturali u li għalihom is-soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq mhumiex dejjem fattibbli, ukoll b'kunsiderazzjoni li għandu jkun hemm flessibilità sabiex kull Stat Membru jkun jista' jagħmel l-investimenti skont il-prijoritajiet tiegħu kif stabbilit fil-Ftehimiet ta' Sħubija sabiex jipromwovi l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali tiegħu;

12. Hu tal-fehma li l-Fondi SIE, inklużi b'mod partikolari l-Programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, għandhom jintużaw biex joħlqu u jagħtu spinta lill-impjiegi ta' kwalità, kif ukoll lil sistemi ta' kwalità ta' taġlim tul il-ħajja u ta' taħriġ vokazzjonali (mill-ġdid), inkluża l-infrastruttura tal-iskejjel, biex b'hekk il-ħaddiema jkunu jistgħu jadattaw ruħhom taħt kondizzjonijiet tajba għar-realtajiet li qed jinbidlu tad-dinja tax-xogħol, u biex jiġu stimulati t-tkabbir sostenibbli, il-kompetittività u l-iżvilupp u l-prosperità komuni mmirati biex tinkiseb Ewropa soċjalment ġusta, sostenibbli u inklużiva, filwaqt li jsir konċentrament fuq iż-żoni li huma l-anqas żviluppatti u s-setturi li għandhom problemi strutturali u filwaqt li jingħata appoġġ lill-gruppi l-aktar vulnerabbli u esposti fis-soċjetà, b'mod partikolari ż-żgħażaġh (flimkien ma' programmi bħall-Erasmus+) u dawk bl-inqas ħliet jew kwalifiki, jiġu promossi iktar impjiegi permezz ta' ekonomija ċirkolari, u jiġi pprevenut it-tluq bikri mill-iskola; jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-FSE huwa strument li jappoġġa l-implimentazzjoni ta' politiki ta' interess pubbliku;

13. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-qgħad – b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażaġh u fost in-nisa, kif ukoll il-qgħad fiż-żoni rurali – għadu għoli ħafna f'bosta Stati Membri, minkejja l-isforzi kollha, u l-politika ta' koeżjoni għandha tipprovdi tweġibiet għal dan ukoll; jirrakkomanda lill-Kummissjoni taġhti aktar attenzjoni lill-impatt tal-politika ta' koeżjoni fuq il-promozzjoni tal-impjiegi u t-tnaqqis tal-qgħad; jinnota f'dan il-kuntest li l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ (YEI) ġiet integrata f'34 programm tal-FSE P20 Stat Membru eliġibbli, u b'hekk se tippermetti liż-żgħażaġh qiegħda jibbenefikaw mill-YEI bil-ħsieb li jiksibu l-ħiliet u l-kwalifiki taġħhom; jinsab imħasseb, madankollu, dwar il-fatt li l-implimentazzjoni effettiva tal-YEI damet biex bdiet u dwar il-mod li bih il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ qiegħda tiġi implimentata f'ċerti reġjuni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi taġħhom biex jinkisbu effetti sostanzjali u tanġibbli malajr u b'suċċess mill-fondi investiti, b'mod partikolari fir-rigward tal-fondi li jkunu disponibbli fil-forma ta' pagamenti bil-quddiem, u sabiex il-YEI tkun implimentata b'mod korrett kif ukoll biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema żgħażaġh; jitlob, b'mod partikolari, li jitqiesu l-ħtiġijiet reali tal-komunità tan-negozju fl-użu tal-Fondi SIE biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tat-taħriġ, bil-għan li jinħolqu opportunitajiet reali ta' impjiegi u tinkiseb l-okkupazzjoni fit-tul; iqis li l-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, l-inklużjoni soċjali u l-isfidi demografiki tal-gejijeni li qed tiffaċċja l-Ewropa llum il-ġurnata u fuq perjodu medju fil-gejijeni għandhom ikunu l-oqsma ewlenin li fuqhom għandha tkun iffukata l-politika ta' koeżjoni; jitlob li l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ titkompla lil hinn mill-2016, sabiex jiġu sostnuti l-isforzi favur il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, abbażi ta' analiżi operattiva bir-reqqa mfassla bil-għan li jintlaħqu l-korrezzjonijiet meħtieġa sabiex issir aktar effettiva;

14. Jesprimi tħassib serju li fil-każ tal-Iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ, li fl-2014-2020 se tirċievi total ta' EUR 12,7-il biljun mill-FSE u mill-Inizjattiva speċjali favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ, u li, fuq il-bażi ta' dan il-finanzjament, diġà qed titqies bħala l-mutur wara l-isforzi li jsiru biex tingħata spinta lill-impjiegi fost iż-żgħażaġh, il-Kummissjoni ma wettqitx analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji, li hija proċedura standard għall-inizjattivi ewlenin kollha tal-Kummissjoni; għaldaqstant hemm nuqqas ta' informazzjoni dwar l-ispiża globali potenzjali tal-implimentazzjoni tal-garanzija fl-UE kollha u, kif enfasizzat il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, hemm ir-riskju li l-ammont totali tal-finanzjament jista' ma jkunx biżżejjed;

15. Jenfasizza l-importanza tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari l-komunikazzjoni diġitali, li permezz tagħha l-informazzjoni dwar l-assistenza potenzjali biex jinstab taħriġ, traineeship jew xogħol kofinanzjati permezz tal-fondi tal-UE tista' tilħaq l-ikbar numru ta' żgħażaġh; jitlob aktar komunikazzjoni sabiex jiġu promossi l-portals bħal DROP'PIN u EURES u sabiex jiżiedu l-opportunitajiet għall-mobilità fis-suq intern għaż-żgħażaġh, li huwa meqjus bħala l-potenzjal l-anqas sfruttat fil-ġlieda kontra l-qgħad fl-UE;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jirrispettaw il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità meta jkunu qed jimplementaw proġetti appoġġati mill-Fondi SIE, inkluż l-għan li tiġi inkoraġġita bidla mill-għajxien fi strutturi istituzzjonali għall-għajxien fil-komunità għall-persuni b'diżabilità;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

17. Ifakkar li t-tlestija għalkollox tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T hija prijorità tal-politika Ewropea fil-qasam tat-trasport, u li l-Fondi SIE huma għodda importanti ħafna fl-implimentazzjoni ta' dan il-proġett; jenfasizza l-hteġa li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Fondi SIE bil-għan li l-potenzjal tan-netwerk ewlieni u tan-netwerk komprensiv tat-TEN-T jiġi konness mal-infrastruttura tat-trasport reġjonali u lokali; jirrikonoxxi l-importanza tal-Fond ta' Koeżjoni għat-titjib tal-infrastruttura u l-konnettività fl-Ewropa, u jinsisti li dan il-fond jibqa' jinżamm fil-qafas finanzjarju l-ġdid ta' wara l-2020;

18. Jenfasizza li l-multimodalità tat-trasport għandha tkun fattur vitali fil-valutazzjoni tal-proġetti ta' infrastruttura ffinanzjati mill-Fondi SIE, iżda li m'għandhiex tkun l-uniku kriterju użat biex jiġu vvalutati l-proġetti proposti, b'mod speċjali fil-każ ta' Stati Membri bi ħtiġijiet mill-akbar ta' investment fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport;

19. Jenfasizza l-hteġa li jibqgħu jinżammu snajja' tradizzjonali, inklużi t-tradizzjoni tal-artiġjanat u l-ħiliet assoċjati magħha, u li jiġu stabbiliti strateġiji biex jitrawwem it-tkabbir għall-intraprenditorija tas-snajja' tradizzjonali sabiex tibqa' tinżamm l-identità kulturali tas-setturi tas-snajja' tradizzjonali; jiġbed l-attenzjoni lejn kemm hu importanti li jiġi appoġġjat ix-xogħol marbut mat-taħriġ professjonali u mal-mobilità tal-irġiel u n-nisa żgħażaġh tas-sengħa,

Kondizzjonalitajiet ex ante

20. Jissottolinja li biex jiġu rreġistrati l-isforzi u l-kisbiet jenħtieġ monitoraġġ effettiv tal-kondizzjonalitajiet ex ante; iqis li l-kondizzjonalitajiet ex-ante, b'mod partikolari dik dwar l-Istrateġiji ta' Riċerka u Innovazzjoni għall-Ispeċjalizzazzjoni Intelliġenti (RIS3), urew is-siwi tagħhom, u jissuġġerixxi li dawn ikomplu jiġu mtejba; jirrimarka li għandha tingħata aktar attenzjoni lit-tisħiħ tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju;

21. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li proporzjon sinifikanti tal-kondizzjonalitajiet ex-ante għadhom ma ġewx issodisfati; jitlob, għalhekk, li ssir analiżi tas-sitwazzjoni attwali u li tiġi adottata azzjoni mmirata biex tpatti għal dan, filwaqt li matigix kompromessa l-aħjar rata ta' utilizzazzjoni tal-fondi u lanqas ma ssir inqas effiċjenti l-politika ta' koeżjoni;

Ibbaġitjar ibbażat fuq il-prestazzjoni

22. Jenfasizza li l-qafas regolatorju għall-perijodu 2014-2020 u l-Ftehimiet ta' Sħubija wasslu għal konċentrazzjoni orjentata b'mod qawwi lejn ir-riżultati fil-programmi ta' koeżjoni, u li dan l-approċċ jista' jkun ta' eżempju għal partijiet oħra tan-nefqa tal-baġit tal-UE wkoll; jilqa' l-introduzzjoni ta' indikaturi komuni li jkunu jippermettu li jsir il-kejl u l-valutazzjoni komparattiva tar-riżultati; iqis li l-ħidma fuq l-indikaturi trid tkompli sabiex tittejjeb l-evidenza dwar l-infiq tal-Fondi SIE u tiġi ottimizata l-għażla tal-proġetti;

23. Jirrimarka li innovazzjoni importanti kienet l-introduzzjoni tal-konċentrazzjoni tematika, li permezz tagħha l-investimenti huma ffukati fuq oġġettivi u prijoritajiet speċifiċi li jikkorrispondu għal indikaturi u miri li jkun sar qbil speċifiku dwarhom għat-temi kollha;

24. Ifakkar li għet introdotta riżerva għall-prestazzjoni għal kull Stat Membru, li tikkonsisti f'6 % tar-riżorsi allokatu għall-Fondi SIE; ifakkar li, abbażi tar-rapporti nazzjonali tal-2017 u l-analiżi tal-prestazzjoni tal-2019, ir-riżerva għandha tiġi allokata biss lil dawg il-programmi u prijoritajiet li jkunu laħqu l-istadji importanti tagħhom; jappella għal flessibilità fil-varar ta' impenji ġodda mir-riżerva ta' prestazzjoni meta l-programmi jkunu laħqu l-miri u l-istadji importanti tagħhom fis-snin li ġejjin; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta jekk ir-riżerva ta' prestazzjoni toħloqx fil-fatt valur miżjud jew jekk wasslitx għal aktar burokrazija;

Is-Semestru Ewropew

25. Jieħu nota tal-fatt li, hu u għaddej il-proċess ta' programmazzjoni, l-Istati Membri sabu li aktar minn żewġ terzi mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li ġew adottati fl-2014 kienu rilevanti għall-investimenti tal-politika ta' koeżjoni, u jilqa' l-fatt li huma hađu kont ta' dan fil-prijoritajiet ta' pprogrammar tagħhom; jirrikonoxxi li fil-ġejjieni qrib ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jista' jkun li jiskattaw emendi għall-programm tal-Fondi SIE, u b'hekk jiġi żgurati li jkun hemm appoġġ għar-riformi strutturali fl-Istati Membri; jinnota li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR) jirrappreżentaw rabta ċara bejn il-Fondi SIE u l-proċess tas-Semestru Ewropew;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

26. Jenfasizza kemm hu importanti li tiġi stabbilita rabta bilanċjata bejn il-politika ta' koeżjoni u s-Semestru Ewropew, peress li t-tnejn li huma jaħdmu biex jintlaħqu l-istess għanijiet skont l-istrateġija Ewropa 2020, mingħajr preġudizzju għall-ilhug tal-oġġettivi soċjali, ekonomiċi u ta' koeżjoni territorjali bil-għan li jitnaqqsu d-disparitajiet kif stabbilit mit-Trattati; huwa tal-opinjoni li għandna naħsbu mill-ġdid ir-raġunament wara s-sospensjoni tal-Fondi SIE f'każ ta' devjazzjoni mill-oġġettivi tas-Semestru Ewropew, peress li din tista' tkun kontroproduktiva biex tingħata spinta lit-tkabbir u l-impjiegi;

Sinerġiji u Strumenti Finanzjarji

27. Jinnota li l-qafas regolatorju għall-Fondi SIE għall-perjodu 2014-2020 jappoġġja l-istrumenti finanzjarji; jenfasizza, madankollu, li l-użu ta' għotjiet għadu indispensabbli; josserva li jidher li hemm konċentrazzjoni fuq bidla gradwali minn għotjiet għal selfiet u garanziji; jenfasizza li din it-tendenza ssaħħet permezz tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) li għadu kif ġie stabbilit. jinnota wkoll li l-użu tal-approċċ ibbażat fuq bosta fondi jidher li għadu diffiċli; jenfasizza, minħabba l-kumplessità ta' dawn l-istrumenti, l-importanza vitali li jingħata appoġġ xieraq lill-istituzzjonijiet lokali u reġjonali fit-taħriġ tal-uffiċjali responsabbli mill-ġestjoni tagħhom; jirrimarka li l-istrumenti finanzjarji jistgħu joffru soluzzjonijiet għall-użu effiċjenti tal-baġit tal-UE, billi jikkontribwixxu flimkien mal-għotjiet biex jinholq l-investiment ħalli jiġi stimulat it-tkabbir ekonomiku u jinħolqu impjiegi sostenibbli;

28. Jirrimarka li qed tiġi segwita aġenda separata għall-FEIS, li huwa ppreżentat bħala storja ta' suċċess f'dak li għandu x'jaqsam ma' implimentazzjoni u riżultati rapidi fis-sura ta' operazzjonijiet eżistenti, minkejja nuqqasijiet konsiderevoli bhalmu huwa n-nuqqas ta' addizzjonalità; f'dan il-kuntest, jitlob lill-Kummissjoni tipprovi data speċifika fuq l-impatt tal-FEIS f'dawk li huma tkabbir u impjiegi u tippreżenta, wara l-evalwazzjoni, punti ta' taġlim biex il-Fondi SIE jkunu jistgħu jintużaw b'iktar suċċess fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid mill-2021' il quddiem; jitlob, minbarra l-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 2/2016 ⁽¹⁾, analiżi tal-kontribuzzjonijiet tal-FEIS għall-oġġettivi tal-Fondi SIE u rendikont ta' dak li l-FEIS kiseb f'dak li jirrigwarda l-prijoritajiet tiegħu stess;

29. Jinnota, madankollu, in-nuqqas ta' evidenza dwar l-eżiti u r-riżultati miksuba permezz ta' strumenti finanzjarji u r-rabta dgħajfa bejn dawk l-istrumenti finanzjarji u l-oġġettivi u l-prijoritajiet komprensivi tal-UE;

30. Jinnota li r-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 16 f'tit jagħti informazzjoni dwar il-koordinazzjoni u s-sinerġiji fost il-programmi differenti u mal-istrumenti ta' oqsma ta' politika oħra, u b'mod partikolari mhux dejjem ippreżenta data affidabbli dwar ir-riżultati mistennija tal-programmi tal-FSE u tal-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ; jenfasizza li l-fatt li hemm regolament komuni għall-ħames Fondi SIE żied is-sinerġija bejniethom, inkluż fit-tieni pilastru tal-politika agrikola komuni; jinsab konvint li s-sinerġiji ma' politiki u strumenti oħra, inkluż il-FEIS u strumenti finanzjarji oħra, għandhom jiġu msaħħa sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-investiment; jenfasizza li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat japplikaw għall-Fondi SIE, iżda mhux għall-FEIS jew għall-Orizzont 2020, u li dan il-fatt joħloq problemi fir-rigward tat-tizjod tal-livell ta' sinerġija fost il-fondi, il-programmi u l-istrumenti; jenfasizza l-fatt li sabiex jiġu żgurati l-komplementarjetà u s-sinerġija meħtieġa bejn il-FEIS, l-istrumenti finanzjarji u l-Fondi SIE, il-kwistjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat trid tkompli tiġi eżaminata aktar bl-għan li tiġi ċċarata, issimplifikata u adattata kif xieraq; jistieden lill-Kummissjoni taġhti gwida komprensiva lill-awtoritajiet ta' ġestjoni dwar l-ikkombinar tal-FEIS ma' strumenti ta' ġestjoni konġunta u diretta, inklużi l-Fondi SIE, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u Orizzont 2020;

31. Jargumenta favur li jkompli jsir użu bbilanċjat ta' strumenti finanzjarji fejn dawn għandhom valur miżjud u fejn mhumiex ta' preġudizzju għall-appoġġ tradizzjonali mogħti mill-politika ta' koeżjoni; jenfasizza, madankollu, li dan għandu jsir biss wara li ssir valutazzjoni bir-reqqa tal-kontribuzzjoni tal-istrumenti finanzjarji għall-oġġettivi tal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza li r-reġjuni kollha jridu jżommu firxa diversifikata ta' għejun ta' finanzjament, filwaqt li s-sussidji jibqgħu l-istrumenti l-aktar adattati f'ċerti setturi biex jintlaħqu l-miri tat-tkabbir u l-impjiegi; jitlob lill-Kummissjoni tressaq inċentivi biex tiżgura li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jkunu informati bis-sħiħ dwar l-opportunitajiet biex jintużaw l-istrumenti finanzjarji u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, u tanalizza l-kosti tal-ġestjoni tal-għotjiet u tal-assistenza li trid titallas lura implimentati fil-programmi komuni u ġestiti b'mod ċentrali; jenfasizza li regoli ċari, konsistenti u ffukati dwar l-istrumenti finanzjarji biex ikun jista' jiġi ssimplifikat il-proċess tat-tnejn u l-implimentazzjoni għall-ġesturi u l-benefiċjarji tal-fondi huma kruċjali biex tittejjeb l-implimentazzjoni effettiva tagħhom; jiġbed l-attenzjoni lejn ir-rapport fuq inizjattiva proprja li

⁽¹⁾ L-Opinjoni Nru 2/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 2015/1017 u l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanjaha skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2015/1017".

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

jmiss tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali intitolat "It-taħlita ta' finanzjament it-tajba għar-reġjuni tal-Ewropa: ibbilanċjar tal-istrumenti u l-għotjiet finanzjarji fil-politika ta' koeżjoni tal-UE" (2016/2302(INI));

Is-simplifikazzjoni

32. Jinnota li wieħed mill-oġġettivi prinċipali tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 huwa li tkompli ssir aktar simplifikazzjoni għall-benefiċjarji tal-Fondi SIE, u jirrikonoxxi li s-simplifikazzjoni hija waħda mill-fatturi ewlenin għal aċċess aħjar għall-finanzjament;

33. Jilqa' l-fatt li l-qafas regolatorju modernizzat attwali għall-Fondi SIE jipprovdi possibiltajiet ġodda għas-simplifikazzjoni f'dawk li huma regoli komuni ta' eliġibiltà, għażliet tal-kosti ssimplifikati u l-governanza elettronika; jiddispaċih, madankollu, li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni ma tinkludi l-ebda taġġir speċifiku f'dak li jirrigwarda l-użu tal-Għażliet tal-Kosti Simplifikati; jissottolinja li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiġi żviluppat il-potenzjal sħiħ tal-Għażliet tal-Kosti Simplifikati f'dik li hi t-taffija tal-piż amministrattiv; jinnota li għad hemm b'żonn ta' miżuri sinifikanti ta' simplifikazzjoni kemm għall-benefiċjarji u kemm għall-awtoritajiet ta' ġestjoni, liema miżuri jiffokaw fuq l-akkwist pubbliku, il-ġestjoni tal-proġetti, u awditijiet matul u wara l-operazzjonijiet;

34. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi valutazzjoni kontinwa tal-piż amministrattiv, inklużi b'mod partikolari komponenti bħalma huma l-ħin, il-kosti u x-xogħol ta' dokumentazzjoni f'finanzjament mill-UE fis-sura ta' għotjiet u strumenti finanzjarji, abbażi tal-evidenza tar-riżultati mill-perjodu tal-2007-2013 u l-bidu tal-perjodu l-ġdid mill-2014;

35. Jirrakkomanda għall-perjodu ta' programmazzjoni prospettiv li jibda fl-2021 li l-livelli kollha tal-governanza jaħdmu favur sistema ta' verifika unika billi jeliminaw il-kontrolli doppji fost id-diversi livelli ta' gvern; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiċċara l-firxa u l-istatus ġuridiku tal-gwida eżistenti fil-Fondi SIE kollha, kif ukoll tiżviluppa, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet ta' ġestjoni u mal-livelli kollha rilevanti ta' awtorità tal-awditjar, interpretazzjoni konġunta tal-kwistjonijiet tal-awditjar; itenni li hemm b'żonn ta' aktar progress fil-qasam tas-simplifikazzjoni, inkluż b'mod partikolari fil-programmi mmirati lejn iż-żgħażaġħ, billi tiddaħħal inter alia proporzjonalità akbar fil-kontrolli; jilqa' l-eżitu preliminari tal-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Simplifikazzjoni stabbilit mill-Kummissjoni;

36. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti proċeduri standard għat-tfassil ta' programmi operattivi u għall-ġestjoni, speċjalment fejn huma kkonċernati l-bosta programmi ta' kooperazzjoni territorjali;

Il-kapaċità amministrattiva

37. Jinnota li l-Istati Membri għandhom kulturi amministrattivi u livelli ta' prestazzjoni amministrattiva differenti fil-qafas ta' politika taġġir, sitwazzjoni li l-kondizzjonalitajiet ex ante għandhom jgħinu biex tingħeleb; jenfasizza l-ħtieġa li l-kapaċità amministrattiva tiġi msaħħa bħala prijorità fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni u l-eżerċizzju tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari fl-Istati Membri b'rata baxxa ta' assorbiment ta' fondi; jinnota l-ħtieġa li tingħata assistenza teknika, professjonali u għajnuna Prattika lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lil-lokalitajiet waqt l-applikazzjonijiet għall-finanzjament; japprezza l-impatt tal-faċilità Jaspers, u jteni li l-ippjanar ħażin tal-investimenti jwassal għal dewmien mill-akbar fit-tlestija tal-proġetti u għall-użu ineffiċjenti tal-fondi;

38. Jinnota li l-bidu kajman ta' xi programmi, in-nuqqas ta' kapaċità ta' ġestjoni għal proġetti kumplessi, id-dewmien reġistrat fl-iffinalizzar ta' proġetti, il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, ir-regolamentazzjoni eċċessiva u l-iżbalji fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku huma l-ostakli prinċipali għall-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; iqis li huwa essenzjali li jiġu identifikati u simplifikati l-proċessi u l-proċeduri kumplessi bla b'żonn fil-ġestjoni kondiviża li joħlqu piżijiet addizzjonali fuq l-awtoritajiet u fuq il-benefiċjarji; jirrimarka li l-kapaċità amministrattiva għandha l-ħin kollu tiġi mtejbja, immonitorjata u msaħħa; huwa tal-fehma għalhekk li f'dan ir-rigward hemm il-ħtieġa li jiġu sfruttati soluzzjonijiet funzjonali u flessibbli ta' gvern elettroniku, kif ukoll informazzjoni u koordinazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri; barra minn hekk, jissottolinja l-ħtieġa li ssir konċentrazzjoni akbar fuq it-taħriġ tal-amministrazzjoni;

39. Jirrimarka li l-oqfsa regolatorji, il-kundizzjonijiet u s-soluzzjonijiet imfassla apposta, (bħalma hu l-mekkaniżmu ta' skambju bejn id-diversi reġjuni Taiex Regio Peer 2 Peer) immirati lejn is-simplifikazzjoni jistgħu jindirizzaw b'mod aktar effettiv il-ħtiġijiet u l-isfidi li jiffaċċjaw ir-reġjuni differenti fejn tidħol il-kapaċità amministrattiva;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

Kooperazzjoni Territorjali Ewropea

40. Jenfasizza – speċjalment mil-lat tat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn ir-reġjuni ta' mal-fruntieri – il-valur miżjud Ewropew tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (KTE), li għandu jiġi rifless fl-ivell ikbar ta' approprijazzjonijiet għal dan l-oġġettiv tal-politika ta' koeżjoni, li għandu jiddaħħal malli jkun prattikabbli; jistieden fl-istess ħin lill-Istati Membri jipprovdu l-kofinanzjament meħtieġ; jissottolinja l-ħtieġa li dan l-istrument jiġi ppreservat bħala wieħed mill-elementi ċentrali tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020;

41. Jenfasizza l-importanza tal-istrategġiji makroreġjonali, bħala strumenti li ħarġu utli għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni territorjali u għall-iżvilupp ekonomiku taż-żoni kkonċernati; jirriveva r-rwol deċiżiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għas-suċċess tal-miżuri inklużi f'dawk l-istrategġiji;

42. Jirrakkomanda li jsir użu aktar intensiv tal-istrument ġuridiku modifikat u mwessa' tar-REKT bħala l-bażi ġuridika għall-kooperazzjoni territorjali;

43. Jipproponi t-twaqqif ta' rabta permanenti bejn RIS3 u l-kooperazzjoni interreġjonali fuq skala tal-UE kollha, preferibbilment fil-forma ta' element permanenti tal-programm INTERREG;

44. Jenfasizza li l-kunċett ta' orjentazzjoni lejn ir-riżultati jirrikjedi li l-programmi tal-INTERREG jiżguraw kooperazzjoni ta' kwalità għolja fil-livell ta' proġett u l-adattament ta' metodi u kriterji ta' evalwazzjoni biex titqies in-natura speċifika ta' kull programm; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet ta' ġestjoni jaħdmu flimkien u jiskambjaw informazzjoni u prattiki tajba sabiex jiżguraw li l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati tiġi implimentata u mmirata b'mod effettiv kemm jista' jkun, b'kunsiderazzjoni tal-ispeċifitajiet tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea;

45. Jenfasizza l-potenzjal tal-użu tal-istrumenti finanzjarji fil-programmi tal-INTERREG li, permezz ta' għotjiet kumplementari, jgħinu biex l-SMEs jingħataw appoġġ u jiġu żviluppanti r-riċerka u l-innovazzjoni, billi jidded l-investiment, jinħolqu impjiegi ġodda, u b'hekk ikunu jistgħu jinkisbu riżultati aħjar u tingħata spinta lill-effikaċja tal-proġetti;

46. Jiddeplora s-sensibilizzazzjoni pubblika baxxa u nuqqas ta' viżibilità tal-programmi tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, u jitlob li jkun hemm komunikazzjoni aktar effikaċi dwar il-kisbiet tal-proġetti li tlestew; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet maniġerjali biex jistabbilixxu mekkaniżmi u pjattaformi ta' kooperazzjoni istituzzjonalizzata usa' sabiex tiġi żgurata viżibilità u sensibilizzazzjoni akbar; jistieden lill-Kummissjoni timmappja l-kisbiet tal-programmi u l-proġetti tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea s'issa;

Il-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli

47. Jilqa' l-kodiċi ta' kondotta li sar qbil dwaru matul in-negozjati dwar il-perjodu ta' finanzjament attwali, li jiddeskrivi fil-qosor l-istandards minimi għal sħubija li tiffunzjona tajjeb; josserva li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-kodiċi tejeb l-implimentazzjoni tal-prinċipju tas-sħubija, iżda jiddispaċih minħabba l-fatt li ħafna mill-Istati Membri ċentralizzaw partijiet kbar tan-negozjar u tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u tal-programmi operattivi; jenfasizza l-ħtieġa li b'mod attiv jiġu involuti fl-istadji kollha l-awtoritajiet reġjonali u lokali u partijiet ikkonċernati oħra, u għalhekk jitlob li l-parteċipazzjoni reali tagħhom tkun iggarantita fil-ġejjieni fil-proċess ta' negozjar u ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-istrutturi speċifiċi tal-pajjiżi; jemmen li ċ-ċentralizzazzjoni żejda u n-nuqqas ta' fiduċja wkoll kellhom rwol fid-dewmien fl-implimentazzjoni tal-Fondi SIE, fejn xi Stati Membri u awtoritajiet ta' ġestjoni kienu inqas ħerqana li jqiegħdu aktar responsabilità għall-ġestjoni tal-fondi tal-UE fidejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

48. Jenfasizza li hemm il-ħtieġa li l-Kummissjoni tagħmel kjarifika dwar il-prestazzjoni tal-Istati Membri u r-reġjuni fir-rigward tal-prinċipji tal-Artikolu 5 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, b'enfasi fuq kif gvern jista' jiġi mħeġġeġ japplika bis-sħiħ il-prinċipju tas-sħubija; jenfasizza li sjieda kondiviża hija prerekwiżit għal rikonoxximent aktar b'saħħtu tal-politika ta' koeżjoni tal-UE;

49. Jappoġġa l-approċċ il-ġdid tal-Kummissjoni li twaqqaf gruppi ta' ħidma speċjali, jiġifieri timijiet dwar il-proġetti bl-intenzjoni li jiżguraw ġestjoni aħjar tal-Fondi tal-SIE fl-Istati Membri, u jitlob li dan l-approċċ ikompli jiġi żviluppata aktar;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

50. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni tal-ġejjieni trid tinkorpora miżuri ta' appoġġ sabiex ir-rifuġjati jiġu meġhuna jintegraw b'suċċess fis-suq tax-xogħol tal-UE, u b'hekk jiġi promoss it-tkabbir ekonomiku u tkun tista' tiġi żgurata s-sikurezza ġenerali fl-UE;

Il-ġejjieni tal-politika ta' koeżjoni

51. Jenfasizza li l-Fondi SIE jikkontribwixxu għall-PDG, l-impjiegi u t-tkabbir fl-Istati Membri, li huma elementi essenzjali li jenħtieġ li jitqiesu waqt is-7 Rapport dwar il-Koeżjoni li mistenni joħroġ fl-2017; jirrimarka, barra minn hekk, li investimenti sostanzjali fir-reġjuni anqas żviluppatti wkoll jikkontribwixxu għall-PDG f'dawk l-Istati Membri iktar żviluppatti; huwa tal-fehma li jekk l-Artikolu 50 tat-TUE jiġi invokat formalment mill-Gvern tar-Renju Unit, is-7 Rapport dwar il-Koeżjoni għandu jkoll l-effetti possibbli tal-"Brexit" fuq il-politika strutturali;

52. Hu tal-fehma li l-PDG jista' ma jkunx l-uniku indikatur leġittimu biex tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-fondi, u li meta tkun qed tittieħed deċiżjoni dwar l-allokkazzjoni futura għandhom jitqiesu l-ħtiġijiet territorjali speċifiċi u l-importanza tal-prijoritajiet miftiehma tal-programmi għall-iżvilupp tal-oqsma tal-programmi; iqis li huwa importanti li jiġi kkunsidrat fil-ġejjieni li jiddaħħlu indikaturi dinamiċi ġodda minbarra l-PDG; jinnota li ħafna reġjuni fl-Ewropa qegħdin jiffaċċjaw rati għolja ta' qgħad u ta' tnaqqis fil-popolazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrifletti dwar l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' "indikatur demografiku";

53. Ifakkar li jsir ammont sostanzjali ta' investment pubbliku fil-livell lokali u f'dak reġjonali; jenfasizza li jenħtieġ li s-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA) ma tillimitax il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li jwettqu l-investimenti meħtieġa, peress li dan ikun jimpedixxi lill-Istati Membri milli joħorġu kofinanzjament għall-proġetti eliġibbli għall-finanzjament strutturali, u b'hekk ma jkunux jistgħu jużaw din l-għajn importanti ta' finanzjament biex ikunu jistgħu jsibu mod kif joħorġu mill-kriżi ekonomika u jagħtu imbottatura lit-tkabbir u l-impjiegi; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid l-approċċ strettament annwali tal-ESA, b'tali mod li n-nefqa pubblika ffinanzjata mill-Fondi SIE tiġi kkunsidrat bħala investment kapitali u mhux sempliċement bħala dejn jew spejjeż operattivi;

54. Jenfasizza li l-kooperazzjoni territorjali Ewropea, li sservi l-prinċipju usa' tal-koeżjoni territorjali kif introdott mit-Trattat ta' Lisbona tista' tittieġeb; għalhekk iħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati kollha involuti fin-negożjati dwar il-politika futura jsaħħu din id-dimensjoni tal-koeżjoni territorjali; jistieden lill-Kummissjoni tagħti l-importanza meħtieġa lill-kooperazzjoni territorjali Ewropea fis-7 Rapport ta' Koeżjoni;

55. Iqis li l-konċentrazzjoni tematika għandha tibqa' tinżamm fil-futur, billi tat prova tal-vijabbiltà tagħha; jistenna li l-Kummissjoni tippreżenta ħarsa ġenerali tal-kisbiet li saru permezz tal-konċentrazzjoni tematika fil-politika ta' koeżjoni;

56. Jinsab konvint li l-politika ta' koeżjoni tal-ġejjieni orjentata lejn il-prestazzjoni trid tkun imsejsa fuq data u indikaturi li huma xierqa biex jitkejlu l-isforzi, l-eżiti u l-impatti miksuba, kif ukoll fuq l-esperjenza fil-livell reġjonali u lokali fil-qasam (ibbaġitjar ibbażat fuq il-prestazzjoni, kondizzjonalitajiet ex ante u konċentrazzjoni tematika), peress li dan jipprovdi gwida Prattika ċara għall-awtoritajiet lokali u reġjonali – inklużi dawk li sa issa għadhom ma ppruvawx japplikaw dan l-approċċ – dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipji tagħha;

57. Jenfasizza li użu aktar mgħaġġel tal-fondi disponibbli u progressjoni aktar ibbilanċjata tan-nefqa matul iċ-ċiklu tal-programmazzjoni se jkun meħtieġa fil-ġejjieni, anke sabiex jiġi evitat li wieħed ta' spiss idur għal "proġetti retrospettivi", li spiss huma mmirati biex jiġi evitat id-diżimpenn awtomatiku fi tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni; huwa tal-fehma li wara l-adozzjoni tar-regolament ġenerali u tar-regolamenti speċifiċi għall-fondi, l-implimentazzjoni tal-programmi operattivi fil-perjodu ta' finanzjament li jmiss mill-2021 se tkun tista' tibda aktar malajr, peress li l-Istati Membri diġà se jkollhom esperjenza b'politika orjentata lejn il-prestazzjoni wara l-isforzi li jkun saru għall-politika ta' koeżjoni fil-perjodu 2014-2020; jirrimarka f'dan ir-rigward li jenħtieġ li l-Istati Membri jevitaw id-dewmien fil-ħatra ta' awtoritajiet ta' ġestjoni għall-programmi operattivi;

58. Jinsisti li l-proċess leġiżlattiv għall-adozzjoni tal-QFP il-ġdid għandu jiġi konkluż sa tmiem l-2018, ħalli l-qafas regolatorju għall-politika ta' koeżjoni tal-ġejjieni jkun jista' jiġi adottat malajr wara dak u jkun jista' jidhlo fis-seħħ mingħajr dewmien fl-1 ta' Jannar 2021;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

59. Huwa tal-fehma li l-politika ta' koeżjoni għandha tkompli tkopri lill-Istati Membri kollha u lir-reġjuni kollha tal-Ewropa, u li s-simplifikar tal-arranġamenti għall-aċċess għall-fondi tal-UE hija prerekwiżit essenzjali għas-suċċess futur tal-politika;

60. Jemmen li l-ispirtu tal-innovazzjoni u tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, flimkien mal-iżvilupp sostenibbli, jrid jibqa' mutur importanti tal-politika ta' koeżjoni; jenfazizza li l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti għandha tkun mekkaniżmu ewlieni għall-politika futura ta' koeżjoni;

61. Jissottolinja r-riskju kbir ta' akkumulazzjoni ta' talbiet għal pagament taħt l-Intestatura 1b fit-tieni nofs tal-QFP attwali u jappella għal livell suffiċjenti ta' approprjazzjonijiet ta' pagament li għandu jkun disponibbli fuq bażi annwali issa u sal-aħħar tal-perspettiva attwali sabiex tiġi evitata akkumulazzjoni ġdida ta' kontijiet mhux imħallsa; jenfazizza, għal dan il-għan, il-ħtieġa li t-tliet istituzzjonijiet tal-UE jiżviluppaw u jaqblu dwar pjan ta' pagament konġunt ġdid għall-2016-2020, li għandu jipprevedi strateġija ċara biex jintlaħqu l-ħtiġijiet kollha ta' pagamenti issa u sa tmiem il-QFP attwali;

62. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni li tanalizza l-impatt reali tal-investment tal-Fondi SIE matul il-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti u sa fejn intlaħqu l-oġettivi Ewropej permezz tal-fondi investiti, u li tislet konklużjonijiet fir-rigward tal-esperjenzi pożittivi u negattivi, bħala punt tat-tluq sabiex iżżid il-valur lill-proċess tal-investment;

o

o o

63. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Reġjuni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri.
